MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 35/2004

Visage Limited

vs

Gaps Spares and Services Limited

Il-Qorti,

Fic-citazzjoni taghha s-socjeta' attrici tghid hekk:

Illi hija kienet ikkonsenjat lil dik konvenuta diversi prodotti farmacewtici, konsistenti *f'cosmetics u toiletries* sabiex din ta' l-ahhar tbieghhom, taht is-sistema komunement maghrufa bhala "sale on consignment" u dan skond kif gia deciz minn din l-Qorti fis-sentenza taghha tal-4 ta'

Dicembru 2003 fil-kawza citazzjoni numru 170/99 fl-ismijiet inversi;

Illi l-attrici ssostni illi l-valur tal-merkanzija hekk konsenjata kien ta’ hamest elef mija u tmenin lira maltija u tlieta u hamsin centezmu (Lm5180.53) skond ma jirrizulta mill-fatturi ezebiti fl-atti tal-kawza precedenti bejn il-partijiet;

Illi in segwitu ghas-sentenza fuq citata, is-socjeta’ attrici talbet lil dik konvenuta sabiex taghtiha rendikont shih u dettaljat tal-merkanzija sabiex jigi stabbilit liema fost dik il-merkanzija lahqet inbieghet; tirritorna l-merkanzija kollha illi effettivament ma nbieghetx; thallas il-prezz tal-merkanzija illi effettivament inbieghet; u tersaq ghal-likwidazzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta’ attrici f’kaz illi l-merkanzija konsenjata lil dik konvenuta, ghalkemm ma nbieghetx, inqerdet jew giet distrutta, jew lahqet skadiet, liema danni ghandhom jirraprezentaw il-valur tal-merkanzija dakinhar illi din giet konsenjata lil dik konvenuta, u dan permezz ta’ ittra ufficjali ta’ Jannar 2004, kif ukoll permezz ta’ diversi telefonati da parti tad-direttur tas-socjeta’ attrici lil dak tas-socjeta’ konvenuta, u da parti ta’ l-avukat ta’ fiducja tas-socjeta’ attrici lil dik konvenuta;

Illi minkejja dan u minkejja diversi promessi tad-direttur tas-socjeta’ konvenuta, din ta’ l-ahhar baqghet inadempjenti u ma rritornat jew halset xejn mill-ammonti dovuti minnha;

Illi s-socjeta’ konvenuta hija effettivament tenuta illi taghti r-rendikont mitlub minnha u thallas il-prezz tal-merkanzija effettivament mibjugha minnha u d-danni mitluba minnha (rapprezentanti il-valur ta’ dik il-merkanzija illi ghalkemm ma nbieghetx, giet distrutta jew lahqet skadiet) ghaliex bhala kunsinnatarja kienet obbligata illi tiehu hsieb il-merkanzija afdata f’idejha bhala bonus pater familias, u sija fit-termini tal-fattura rilaxxjata lilha, kif ukoll fit-termini

tal-ligi, kellha l-obbligu illi tirritorna dik il-merkanzija afdata lilha qabel ma din tiskadi u fin-nuqqas thallas il-valur taghha;

Talbet is-socjeta' attrici ghaliex il-Qorti m'ghandiex:

1. tikkundanna lis-socjeta' konvenuta li taghti rendikont shih u dettaljat tal-merkanzija kkonsenjata lilha sabiex jigi stabbilit liema fost dik il-merkanzija lahqet inbieghet, u dan fi zmien qasir u perentorju illi jigi lilha prefiss;

2. tikkundannha sabiex tirritorna l-merkanzija kollha illi minn dak l-inventarju jirrizulta illi effettivament ma nbieghetx;

3. tikkundannha sabiex thallas il-prezz tal-merkanzija illi effettivament inbieghet, bl-interessi fuq dan il-prezz b'effett mid-data ta' meta l-merkanzija effettivament inbieghet sad-data tal-pagament effettiv;

4. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici f'kaz illi l-merkanzija konsenjata lil dik konvenuta, ghalkemm ma nbieghetx, inqerdet jew giet distrutta, jew lahqet skadiet, liema danni ghandhom jirraprezentaw il-valur tal-merkanzija dakinhar illi din giet konsenjata lil dik konvenuta;

5. tikkundannaha thallas dawn id-danni kif hekk likwidati lis-socjeta' attrici bl-interessi fuq l-ammont dovut mid-data tal-konsenja sad-data tal-effettiv pagament;

6. f'kaz illi tonqos illi tirrendi r-rendikont mitlub fl-ewwel talba, tiddikjara illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici il-valur kollu tal-merkanzija konsenjata bl-interessi fuq dan il-valur b'effett mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ Jannar 2004 u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontra s-socjeta’ konvenuta u bl-ingunzjoni taghha ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha annessa l-lista tax-xhieda u l-lista tad-dokumenti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li eccepiet:

1. fl-ewwel lok illi l-azzjoni attrici tinsab preskritta ai termini ta’ l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

2. bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni ghat-talbiet attrici hemm l-ostakolu tar-res judikata bis-sentenza tal-4 ta’ Dicembru 2003 imsemmija fic-citazzjoni tas-socjeta’ attrici;

3. fi kwalunkwe kaz, is-socjeta’ attrici ilha snin shah tirrifjuta t-talbiet tas-socjeta’ eccipjenti biex tiehu lura l-merkanzija u dan kif jirrizulta mill-provi akkwiziti fl-atti tal-kawza imsemmija;

4. illi l-merkanzija nsterqet mill-post fejn kienet mahzuna u allura s-socjeta eccipjenti mhix f’posizzjoni li tirritornaha;

5. fi kwalunkwe kaz il-merkanzija skadiet snin ilu u m’ghandha l-ebda valur kummercjali.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta’ konvenuta annessa l-lista tax-xhieda.

Ezaminat il-provi;

Rat ukoll l-att tac-citazzjonijiet numru 170/1999, 179/1999 u 200/1998 li ordnat li jigu allegati b'verbal folio 22;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat ukoll n-noti ta' l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Ikkonsidrat:

Ghall-azzjoni tas-socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta opponiet diversi eccezzjonijiet kemm ta' natura procedurali u kemm fuq il-meritu. Ghalhekk jehtieg li fl-ewwel lok jigu trattati l-eccezzjonijiet preliminari, u okkorrendo, u sussegwentement a bazi tar-rizultanzi fuq dawn, u jekk il-kaz, jigu diskussi l-eccezzjonijiet fuq il-meritu ghat-talbiet. L-eccezzjonijiet preliminari jikkonsistu f'dik tar-'*res judicata'* u l-*preskrizzjoni*.

Il-Qorti ser tittratta l-eccezzjoni tar-res judicata.

Illi fl-ambitu ta' din l-eccezzjoni huwa wisq car minn nota ta' l-osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta li l-bazi legali li tadduci in sostenn ghal din l-eccezzjoni hi li fil-waqt li jezistu l-elementi tal-*eadem persona* u l-*eadem res* hemm nieqes l-element tal-*eadem causa petendi*. Fir-rigward, tghid is-socjeta' konvenuta, li*"il-gudikat jifrex l-effetti tieghu mhux biss meta jkun hemm l-identit' triplici fuq imsemmija – f'liema kaz it-tieni qorti tkun assolutament impeduta milli tisma' t-tieni kawza – <u>imma wkoll meta jkun hemm varjazzjoni tal-kawza u/jew tat-talba imma fit-tieni kawza titqanqal kwistjoni li tkun diga giet definita permezz tas-sentenza antecedenti bejn l-istess partijiet</u>, f'liema kaz it-tieni qorti ma tkunx impeduta milli tisma' l-kawza u taghti sentenza, imma tkun prekluza milli tiftah mill-gdid kwalunkwe kwistjoni li tkun giet dibattuta fl-ewwel process u deciza fl-ewwel sentenza; anzi tkun marbuta li timxi ma' l-ewwel statuwizzjoni fis-sentenza li eventwalment tigi biex tippronunzja –' la cosa giudicata osta che si sollevino questioni nuove assorbite dal giudicato diventato*

*irrevocabile' – Coen, Rep Voce Cosa Giudicata Materia Civile".* Tasserixxi illi l-azzjoni tinghazel permezz tal-fatt u mhux permezz tan-norma tal-ligi u ghalhekk il-bdil tan-'nomen juris' ma jaghtix lok ghall-process gdid sakemm ma jkunx hemm ukoll bdil tal-fatt kostituttiv – sakemm it-tieni talba ma tkunx ibbazata fuq fatt differenti mill-ewwel wiehed.

Is-socjeta' attrici minn naha taghha tghid illi l-*causa petendi* tinsab posittivament eskluza fuq dak li ddecidiet din il-Qorti, diversament preseduta, fis-sentenza tal-4 ta' Dicembru 2003 (citazz 170/1999) bejn l-ennesimi partijiet f'din il-kawza, li trattata r-ritratazzjoni fuq istanza ta' l-odjerna socjeta' konvenuta, tal-kawza wkoll deciza minn dik il-Qorti fl-1 ta' Gunju 1999 (citazz 200/1998), kienet cahdet it-talba tal-odjerna socjeta' attrici ghall-hlas tal-ammont ta' Lm5,180.53 "rapprezentanti l-prezz ta' medicinali, toiletries u oggetti ohra affini", billi kklassifikat in-negozju intrapriz bejn il-partijiet bhala wiehed mhux ta' bejgh izda ta' "bejgh on consignment" jew aktar korrettement, bhala li kien "kuntratt ta' kummissjoni", jigifieri, li l-fatt kostitwenti l-kawzali li tikkaraterizza l-odjerna kawza, kien differenti, kostitwit fuq relazzjonijiet li nibtu minn kuntratt ta' kummissjoni u mhux bejgh semplici.

Ghal dan is-socjeta' konvenuta irribattiet illi " *A bazi tal-konsenja tal-merkanzija, l-attur istitwixxa l-ewwel azzjoni tieghu bbazata fuq allegat bejgh u talba konsegwenzjali ghall-hlas tal-prezz tal-merkanzija kkunsinnata. Il-Qorti cahditlu t-talba, ghax stabbilit li l-bejgh kien 'on consignment' bl-obbligu tar-restituzzjoni, jekk is-socjeta' Gaps tonqos li tbieghhom, entro certu terminu marbut mal-'expiry date' tal-prodotti li meta giet istitwita l-kawza, kien ghadu m'ghaddiex. Il-Qorti qalet ukoll fis-sentenza taghha li fi kwalunkwe kaz, Gaps kienet talbet lis-socjeta' Visage biex tiehu lura l-merkanzija izda din irrifjutat. Visage ma ndenjatx tappella minn din is-sentenza. Minflok ghamlet kawza ohra, din id-darba fuq il-premessa li t-terminu ghar-restituzzjoni qabel l-'expiry date' kien ghadda u ghalhekk intalbet ir-restituzzjoni tal-merkanzija u*

*fin-nuqqas il-hlas tad-danni ekwivalenti ghall-prezz ta' l-istess merkanzija. Visage qeghdha tippretendi li issa ghandha kawza differenti".*

Illi rassenja tal-principji gurisprudenzjali in materja jghallmu: illi hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dik tal-kawza ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-punt kontrovers ikun l-istess (*Vol.XXX.i.131*); illi ghalkemm biex jigi nvokat il-gudikat, hemm bzonn ta' l-identita' ta' l-oggett, dik l-identita' m'hemmx bzonn li tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oggett fit-tieni citazzjoni jidhol bhala parti ntegrali ta' l-oggett aktar ampju dedott fl-ewwel citazzjoni (*Vol.XXXII.ii.243*); illi "e' assolutamente proibito al magistrato di prendere ad esame le deduzzioni dirette a rimettere in questione cio' che con esso e' stato deciso… la cosa gudicata osta a che si sollevino quistioni nuove assorbite dal gudicato divenuto irrevocabile… per decidere che vi sia cosa gudicata, in quanto si controverta se una domanda abbia carattere di novita' o piuttosto presenti identita' colla *causa petendi* gia sperimentata in altra precedente, si deve aver riguardo non soltanto al titolo o meno dell'azzione, ma altresi' al diritto conteso, all'intento, ed al fine che la parte si propone di conseguire" (*Vol XXVIII.i.51 fuq il-Coen*); illi hemm ukoll lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat anka meta l-meritu tal-kawza, ghalkemm distint minn dak ta' qabel, jifforma parti mill-istess haga, jekk il-pont kontrovers ikun l-istess. U hemm gudikat implicitu meta l-gudikat ikun konsegwenza necessarja tad-disposizzjoni espressa; ghax il-volonta' tal-gudikant tista' tittiehed anka mill-konsiderandi tas-sentenza… imma l-elementi tar-res judikata jridu dejjem jikkonkorru kollha, senjatament l-"*eadem ratio petendi*" (*Vol.XXXVI.i.1952 – Vol.XXX.i.131*).

Illi allura, fuq l-iskorta ta' dan li ghadu kif intqal, abbinat ma' principju iehor accettat mill-gurisprudenza li sentenza tapplika mhux biss ghal dak li jigi diskuss espressament imma anki ghal dak li messu gie diskuss u ma giex

diskuss, ezaminati l-fatti li taw lok ghall-kawzi antecedenti in relazzjoni ma’ din odjerna, din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni, illi l-punt kontrovers kien u baqa’ l-prezz tal-merkanzija li l-odjerna socjeta’ attrici kienet jew messa kienet ben konxja li kienet bieghetha ‘on consignment’. Il-konsapevolezza ta’ dan, da parti tas-socjeta’ attrici, tohrog ben cara mix-xhieda tad-direttur taghha wkoll f’dawn il-proceduri. Din il-Qorti mkien ma tirrijavviza bidla fic-cirkostanzi li kienu u ffurmaw il-bazi ta’ l-ewwel kawza, dik bic-citazzjoni numru 200/98. Dawn kienu u baqghu l-istess: il-pretiz prezz tal-konsenja ta’ merkanzija li s-socjeta’ konvenuta kienet taf li kien sar fuq kuntratt ta’ kummissjoni cioe’ bejgh ‘on consignment’ izda li madanakollu hadet ir-riskju billi ntavolat l-azzjoni bil-mod li intavolata – *selecta una via non datum ricursus ad alteram.* “Il gudicato” qalet il-Qorti *tal-Appell ta’ Firenze tat-3 ta’ Lulju 1907* citata b’approvazzjoni mill-*Qorti tal-Appell Malti fil-kawza Bonello v Cuschieri noe (Vol.XXXIV.i.74)*, “si forma non solo in ordine a cio’ che fu espressamente discusso, ma ancora a quanto avrebbe dovuto discutersi e non fu discusso dalla parte che doveva discutere per la propria istanza od eccezzione”.

Illi ghal din il-kawza ghalhekk hemm l-ostakolu tar-‘res judicata’ u gialadarba hekk ikkonkludiet din il-Qorti ma tarax li hemm ghalfejn tiddilunga aktar.

Ghaldaqstant taqta u tiddeciedi l-kawza billi tichad it-talbiet tas-socjeta’ attrici u tilqa’ it-tieni eccezzjoni formulata mis-socjeta’ konvenuta fuq ir-‘res judicata’.

Spejjez ghas-socjeta’ attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------